MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru. 398/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**
**VS**
**CARMEN ZAMMIT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Carmen Zammit ta’ 41 sena, bint Costantino u Aida nee’ Brown, imwielda Paola fit-22 ta’ Settembru 1964, residenti fl-indirizz “Mediterrenean Court”, Nru 10, Triq Bilbel,Qawra u detentrici tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 471764(M).

Illi hija akkuzata talli:

1. fil-25 ta’ April 2006, u f’dati precedenti, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda;

2. b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm10,000 bi hsara ta’ Paul Abela, Anthony Caruana, Denise Caruana, Domnic Darmanin, Alexander Mifsud, Karima Saloumi u Samira Azzopardi;
3. fl-istess cirkustanzi, bi hsara ta’ Paul Abela, Anthony Caruana, Denise Caruana, Domnic Darmanin, Alexander Mifsud, Karima Saloumi u Samira Azzopardi, ghamlet qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm10,000;
4. fl-istess cirkostanzi, approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghalija jew ghal haddiehor mis-somma ta’ aktar minn Lm10,000 flus ta’ haddiehor li gew fdati jew ikkunsinnati lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz taghha, jew minhabba depozitu necessarju;
5. fl-istess cirkustanzi, irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghaliha stess jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex iggieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor;
6. fl-istess cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
7. fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamlet uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;
8. fl-istess ciskustanzi, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha jew ghal haddiehor, f’xi dokument

mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet diskjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tghat taghrif falz;
9. fl-istess cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika mutatis mutandis id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
(Art. 18; 183; 184; 188; 189; 121A; 293; 294; 308; 309; 310 tal-Kap.9)

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni taghha wara li l-Qorti akkordat l-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata, **Carmen Zammit**, hatja ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, mhux hatja tar-raba akkuza, li minnha tilliberaha, stante illi hija alternattiva ghat-tieni (2) akkuza, hatja tal-hames (5), sitta (6), seba' (7), tmienja (8) u d-disa' (9) akkuza, b'assorbiment ai fini ta' piena tat-tmien (8) u d-disa' (9) akkuza fl-akkuza sitta (6) u seba' (7) u b'assorbiment tat-tielet (3) akkuza fit-tieni (2) akkuza u wara li rat Artikoli 18, 183, 184, 188, 189, 121A, 308, 309, 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannaha ghal **sentejn u nofs prigunerija li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputata ghamlet f'arrest preventiv.**

In oltre’, il-Qorti rat il-kunsens ta’ l-istess imputata (ara verbal datat 10 ta’ Marzu 2010) fejn l-imputata taghti l-kunsens taghha sabiex il-flus kollha illi gew elevati mill-propjeta’ taghha waqt tfittxija li wettqu l-Pulizija jigu kkonsenjati lill-kwerelanti:

Abela Paul li ghandu jigbor minghand l-imputata s-somma ta’ Lm7000 (ekwivalenti ghal €16,305.61)

Caruana Anthony li ghandu jigbor minghand l-imputata s-somma ta’ Lm1930 (ekwivalenti ghal €4495.69)

Caruana Denise li ghandha tigbor minghand l-imputata s-somma ta’ Lm1305 (ekwivalenti ghal €3039.83)

Darmanin Domenic li ghandu jigbor minghand l-imputata s-somma ta’ Lm550 (ekwivalenti ghal €1281.15)

Mifsud Alexander li ghandu jigbor minghand l-imputata s-somma ta’ Lm25 (ekwivalenti ghal €58.23)

Ghaldaqstant tordna illi dawn il-flejjes jitqassmu mall-kwerelanti skond ir-ratio tal-kreditu individwali taghhom.

Illi, di piu’, il-Qorti taghraf illi mir-ricerki ezebiti in atti, l-uniku propjeta’ immobbli illi kienet f’isem l-imputata kienet giet mibjugha minnha f’data ferm antecidenti ghad-dati tar-reati illi biha tinstab mixliha l-imputata u ghaldaqstant il-Qorti ma tistghax taghti r-rimedji, mitluba mill-Prosekuzzjoni, taht il-M*oney Laundering Act*.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-gravita adebiti lill-imputata, in-numru konsiderevoli ta’ persuni illi rnexxielha tiddifroda u l-entita’ ta’ flejjes illi rnexxiela tiggwadanja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------